ŻFINMALTA
NATIONAL DANCE COMPANY

MT

# AWDIZZJONIJIET

**ŻEFFIENA FIL-KUMPANIJA**



TAĦT ID-DIREZZJONI
ARTISTIKA TA'
**MATTHEW ROBINSON**

**APPLIKA SA'**
17 TA' LULJU

**AWDIZZJONIJIET**
27 U 28 TA' LULJU

ŻFINMALTA
NATIONAL DANCE COMPANY

DWAR IL-KUMPANIJA

## ŻfinMalta, il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin ta' Malta, taħt id-direzzjoni artistika ta' Matthew William Robinson, qed ittella' awdizzjonijiet għal żeffiena ta' kull generu.

ŻfinMalta hija ensemble ta' żfin b'diversità ta' vuċijiet kreattivi, li jirriflettu l-ħafna influwenzi li jiffurmaw parti minn Malta tal-lum. Sa mill-bidu tagħha fl-2014, il-kumpanija kienet pijuniera għal ħsieb ġdid dwar iż-żfin kontemporanju fil-Gżejjer Maltin u għolliet il-profil taż-żfin b'mod esponenzjali. ŻfinMalta taħdem mal-aqwa żeffiena u koreografi minn Malta u madwar id-dinja biex jinħolqu produzzjonijiet li huma awdaċi u attwali u ta' livell ta' klassi dinjija. Il-produzzjonijiet tagħna huma dejjem kollaborattivi, li jinvolvu koreografi, disinjaturi, kompożituri, u artisti oħra, minn Malta u fuq livell internazzjonali, u nissieħbu wkoll ma' organizzazzjonijiet oħra fit-teatru, l-opra, il-mużika, u l-arti viżiva.

Il-programm tat-turs ta' ŻfinMalta fl-2024 kien jinkludi postijiet u festivals fl-Italja, Belgrad, u Jersey. Ir-repertorju attwali tagħna jinkludi xogħlijiet ta' Paolo Mangiola, Tânia Carvalho, Roy Assaf, Ambra Senatore u Emanuel Gat. Fl-għeluq tal-10 snin tagħna, l-ewwel staġun ta' Matthew William Robinson se jinkludi xogħlijiet ta' KOR'SIA, Liliana Barros, Simon Riccardi-Zani u Sita Ostheimer.

**ŻFINMALTA**
NATIONAL DANCE COMPANY

**DESKRIZZJONI TAX-XOGĦOL**

Qegħdin infittxu **żeffiena** b'ħiliet eċċellenti ta' koordinazzjoni, sfond sod fil-prattiċi taż-żfin klassiku, kontemporanju u improvizzat, u li għandhom il-kapaċità li jikkontribwixxu b'mod attiv għall-proċess kreattiv u jadattaw għall-metodoloġiji varjati tal-koreografi li naħdmu magħhom.

**KWALIFIKI**

Huwa meħtieġ **minimu ta' sentejn (2)** esperjenza ta' żfin professjonali.

**KIF TAPPLIKA**

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu CV b'ritratt, impjieg kurrenti, email ta' kuntatt tar-referenzi, u ħolqa ta'vidjow ta' **massimu ta' żewġ (2) minuti***.
Ibgħat dan fuq:
**vacancies@zfinmalta.mt**

---

* Se jiġu aċċettati biss ħoloq għal Vimeo u YouTube.

Il-kandidati magħżula minn din il-fażi, se jkunu mistiedna għal awdizzjoni nhar **is-Sibt 27 ta' Lulju 2024** fl-istudjos ta' ŻfinMalta, Dar il-Mediterran, il-Belt Valletta, Malta. Il-kandidati magħżula wara din il-fażi, se jintalbu jibqgħu għal ġurnata żejda, **il-Ħadd 28 ta' Lulju 2024.**

L-applikanti li jintgħażlu jidħlu **f'kuntratt imħallas ma' ŻfinMalta l-Kumpanija Nazzjonali taż-żfin mill-aħħar ta' Awwissu 2024 sal-bidu ta' Lulju 2025, għal massimu ta' 43 ġimgħa mħallsa.**

**Għeluq tal-applikazzjoni**
L-Erbgħa 17 ta' Lulju 2024 fil-5pm CET.

**Il-kandidati magħżula biss** se jiġu kkuntattjati sal-Ġimgħa 19 ta' Lulju 2024.

Din is-sejħa hija limitata għaċ-ċittadini reġistrati tal-UE minħabba limitazzjonijiet legali tal-viża għar-rwol inkwistjoni. Il-kumpanija ma torganizzax awdizzjonijiet online jew privati.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kumpanija u l-attivitajiet tagħha mur fuq **www.zfinmalta.org**.

ŻFINMALTA

NATIONAL DANCE COMPANY

zfinmalta.org